MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Numru 1316/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**Vs**

**Massimo Caruso**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Massimo Caruso, ta' sebgha u tletin (37) sena, ta' nazzjonalità Taljana, bin Antonio u Vera neè Spada, imwieled Siracusa nhar 1-14 ta’ Jannar 1973, residenti f’Malta 'Solaris', Flt 1, Triq iz-Zurrieq, Hal Safi, u detentur ta’ Karta ta' l-Identità bin-Numru 22119(A) talli:-

1. Nhar it-2 ta' Dicembru 2010, ghall-habta tal-5.00pm, fl-Iklin, ikkommetta serq ta' flus kontanti u ammont ta' gojjelli tad-deheb u arloggi minn residenza 'Graceland', Triq il-Wied, Iklin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha

u ghoxrin ewro (€2,329) u li sar ghad-detriment ta' George Borg;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza hawn fuq imsemmija (Graceland', Triq il-Wied, Iklin), liema hsara tiskorri l-mija u sittax–il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro (€1,164);

4. U aktar talli nhar l-4 ta' Dicembru 2010, f'xi hin wara nofsinhar, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' flus kontanti u arloggi minn residenza 'Rianna', Triq l-Iskwerra, Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2,329) u li sar ghad-detriment ta' Gaetano Falzon;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza hawn fuq imsemmija ('Rianna', Triq l-Iskwerra, Swieqi), liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro (€1,164);

7. U aktar talli, nhar it-2, 3, 4, 5, 6 u 7 ta' Dicembru 2010, f'Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Dr. Patrick Vella LLD, b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar il-14 ta' Awwissu 2001 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat iehor; li jirtira gewwa d-dar fejn joqoghd mhux aktar tard mis-seba' ta' filghaxija (7.00pm) kuljum u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' filghodu (7.00am) kuljum; li jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija li hi l-eqreb fejn jirrisjedi darba kuljum; u li jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal- helsien mill-

arrest billi jiddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti s-somma ta' hames mitt lira Maltin (elf mija u erbgha u sittin ewro - €1,164) u garanzija personali ta' tlett elef lira Maltin (sitt elef u disa' mija u sebgha u sebghin ewro - €6,977) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
In oltre il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Massimo Caruso u dan ai termini ta' l-artikolu 579 subinciz 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. U aktar talli nhar it-2, 3, 4, 5, 6 u 7 ta' Dicembru 2010, f'Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr.Anthony Vella LLD, b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar l-20 ta' Lulju 2009 u hekk kif gie varjat b'digriet tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef David Scicluna LLD datat 7 ta' Awissu 2009 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr.Anthony Vella LLD b'digriet datat nhar id-19 ta' Jannar 2010, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat iehor; li jirrisjedi fl-indirizz 'Solaris', Flat 1, Triq iz-Zurrieq Hal Safi, li jirtira gewwa d-dar fejn joqoghd mhux aktar tard mit-tmienja ta' filghaxija (8.00pm) kuljum u ma johrogx minn hemm qabel is-sebgha ta' filghodu (7.00am) kuljum; u li jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal-helsien mill-arrest bi plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta' tnax il-elf euro (€12,000) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
In oltre il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Massimo Caruso u dan ai termini ta' l-artikolu 579 subinciz 3 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. U aktar talli nhar it-2, 3, 4, 5, 6 u 7 ta' Dicembru 2010, f'Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD, b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar 1-10 ta' Novembru 2010, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jaghmilx reat iehor; li jirrisjedi fl-indirizz 'Solaris', Flat 1, Triq iz-Zurrieq Hal Safi,

li jirtira gewwa d-dar fejn joqoghd mhux aktar tard mis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm) kuljum u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta ta' filghodu (6.00am) kuljum; li jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq kull nhar ta' Tlieta u l-Gimgha bejn is-sitta ta' filghodu (6.00am) u sebgha ta' filghaxija (7.00pm) u li jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal-helsien mill-arrest billi jiddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti s-somma ta' hames mitt ewro (€500) u garanzija personali ta' elfejn ewro (€2,000) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
In oltre il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Massimo Caruso u dan ai termini ta' l-artikolu 579 subinciz 3 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat illi skond dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010, it-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u li l-hames akkuza hija alternattiva ghar-raba' akkuza;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti jkollha necessarjament issibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront teighu. Madanakollu, billi mill-atti processwali jirrizulta li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u l-hames akkuza hija alternattiva ghar-raba’ akkuza, filwaqt li l-Qorti, b’konsegwenza ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta’ l-ewwel u tar-raba’ akkuzi kif dedotti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti, filwaqt li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-impuata, ma setghetx tonqos milli tinnota li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li l-istess imputat gie diversi drabi kkundannat ghall-kummissjoni ta’ reati, fosthom anke reati ta’ serq, kif ukoll il-fatt li fis-seba’, tmien u disa’ akkuzi, li gew ammessi mill-imputat, huwa qed jigi akkuzat bil-ksur ta’ xi kondizzjonijiet imposti fuqu b’diversi Digrieti li bihom inghata l-helsien mill-arrest.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat u fid-dawl tal-fatt li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u l-hames akkuza hija alternattiva ghar-raba’ akkuza u b’hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u hames akkuzi, issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba’, is-sitt, is-seba’, it-tmien, id-disa’ u l-ghaxar akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u wara li kkunsidrat l-Artikoli 278(1) u (3), 325(1)(b), 579(1),(2) u (3) u 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 17(b) u (h), 18 u 31 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu tal-Ligi, filwaqt li a tenur ta’ l-Artikolu 579(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrevoka l-helsien mill-arrest koncess lill-imputat b’Digriet tal-Qorti Kriminali datat 14 ta’ Awissu 2001; b’Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 20 ta’ Lulju 2009 li gie varjat b’Digriet tal-Qorti ta’ l-Appell datat 7 ta’ Awissu 2009 u b’Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta’ Awissu 2010; u b’Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 10 ta’ Novembru 2010, tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imputat,

tikkundanna lill-istess imputat ghal erba' (4) snin u tlett (3) xhur habs.

Il-Qorti in oltre tordna li ai termini ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta s-somma ta' €1,164 depozitata fir-Registru ta' din il-Qorti ghall-fini li l-imputat inghata il-helsien mill-arrest b'Digriet tal-Qorti Kriminali datat 14 ta' Awissu 2001 u s-somma ta' €500 depozitata fir-Registru ta' din il-Qorti ghall-fini li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 10 ta' Novembru 2010 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Madanakollu, il-plegg ghas-somma ta' €12,000 ghall-fini li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 20 ta' Lulju 2009 kif varjat b'Digriet tal-Qorti Kriminali datat 7 ta' Awissu 2009 u b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 19 ta' Jannar 2010 ma ghandux fic-cirkostanzi tal-kaz jghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

In vista tat-terminu ta' prigunerija li qed jigi impost fuq l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati, l-garanzija personali fil-valur ta' €6,977 moghtija mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess b'Digriet tal-Qorti Kriminali datat 14 ta' Awissu 2001 u l-garanzija personali ta' €2,000 moghtija mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 10 ta' Novembru 2010, ma ghandhomx jigu konfiskati favur il-Gvern.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------